MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 377/2014

**DHL International Ltd**

**vs**

**Jon David Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' hamest elef, sebgha mija u sitta u disghin Euro u sitta u hamsin centezmu (€5796.56) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' couriers li hija ordnat jew irceviet, wara li nkarigat lis-socjeta' attrici, liema servizzi gew imwettqa lilha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2015 u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta, Dottor Martin Fenech ghas-socjeta attrici informa lill-Qorti illi kienet intlahqet transazzjoni dwar is-sorte pero mhux ukoll dwar il-kap tal-ispejjez.

Rat li fl-istess seduta Dottor Martin Fenech ghas-socjeta attrici ddikjara li stante li s-sorte thallas, qieghed jirriduci t-talba tieghu (recte tas-socjeta attrici) limitatament ghat-taxxa tal-kawza u l-interessi relattivi.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, limitatament, ghat-taxxa (kap tal-ispejjez) u l-imghax.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-10 ta' Gunju, 2015, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imghax skont il-ligi fuq is-somma ta' hamest elef, sebgha mija u sitta u disghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€5796.56) mid-data tas-servizz rez lilha mis-socjeta attrici sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess socjeta konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------